



IL-KUMMISSJONI EWROPEA
ID-DIRETTORAT ĠENERALI
IL-POLITIKA REĠJONALI U URBANA
Baġit, Komunikazzjoni u Affarijiet Ġenerali
Komunikazzjoni

SEJĦA GĦAL PROPOSTI

2021CE16BAT002

**It-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' kors dwar l-UE u dwar il-politika ta'
Koeżjoni tal-UE għall-iskejjel tal-ġurnaliżmu**

Werrej

1. INTRODUZZJONI – SFOND.....	3
2. OBJETTIV(I) – TEMA/I – PRIJORITAJIET	4
3. SKEDA	5
4. BAĠIT DISPONIBBLI	5
5. REKWIŻITI TA’ AMMISSIBILTÀ.....	5
6. KRITERJI TA’ ELIĠIBILTÀ.....	6
6.1. Applikanti eliġibbli.....	6
6.2. Attivitajiet eliġibbli	7
6.3. Perjodu ta’ implimentazzjoni	7
7. KRITERJI TA’ ESKLUŻJONI	7
7.1. Esklużjoni	7
7.2. Miżuri ta’ rimedju.....	9
7.3. Rifjut tas-sejħa għal proposti.....	9
7.4. Dokumenti ta’ sostenn.....	10
8. KRITERJI TAL-GĦAŻLA.....	10
8.1. Kapaċità finanzjarja.....	10
8.2. Kapaċità operazzjonali	12
9. KRITERJI GĦALL-GĦOTI.....	12
10. IMPENJI LEGALI.....	13
11. DISPOŻIZZJONIJIET FINANZJARJI	14
11.1. Forom tal-għotja	14
11.2. Kostijiet eliġibbli.....	14
11.3. Kostijiet ineliġibbli.....	17
11.4. Baġit ibbilanċjat.....	18
11.5. Kalkolu tal-ammont finali tal-għotja	18
11.6. Arranġamenti ta’ rappurtar u ta’ ħlas	19
11.7. Kondizzjonijiet finanzjarji oħra.....	20
12. PUBBLIĊITÀ	22
12.1. Mill-benefiċjarji.....	22
12.2. Mill-Kummissjoni	22
13. IPPROCÈSSAR TA’ DATA PERSONALI	23
14. PROCÈDURA GĦAS-SOTTOMISSJONI TAL-PROPOSTI.....	23

1. INTRODUZZJONI – SFOND

Qed tinġibed l-attenzjoni tal-applikanti għall-fatt li l-iffirmar tal-impenn legali (il-ftehim ta' għotja) wara l-eżitu ta' din is-sejħa għal proposti huwa soġġett għad-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni li se jstabbilixxi regoli komuni għall-fondi ta' ġestjoni kondiviża tal-UE għall-perjodu 2021-2027 (RDK).

Din hija sejħa għal proposta għall-finanzjament ta' miżuri ta' informazzjoni skont it-tifsira tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni għall-perjodu 2021-2027, minn approprjazzjonijiet fil-baġit tal-2021.

L-aġenda politika, id-deċiżjonijiet, il-programmi u l-mekkaniżmi ta' finanzjament tal-Unjoni Ewropea jinfluwenzaw il-ħajja tan-nies fil-kontinent Ewropew u lil hinn minnu. Għalhekk, iċ-ċittadini tal-UE jeħtieġ li jkollhom aċċess għal informazzjoni preċiża u affidabbli biex jifhemu għaliex jittieħdu dawn id-deċiżjonijiet u għaliex hemm fis-seħħ proċessi. B'dan il-mod, iċ-ċittadini infurmati jistgħu jipparteċipaw f'dibattiti pubbliċi u jesprimu r-rieda tagħhom permezz ta' proċessi politiċi liberi u ġusti. Sabiex jinkiseb dan, l-UE tiddependi mill-ħidma ta' midja indipendenti u ta' ġurnalisti indipendenti.

Fl-2021, il-ġurnalisti Ewropej, inklużi l-ġurnalisti żgħażaġh li għadhom qed jiġu mħarrġa għal din il-professjoni, ta' spiss ma jkollhomx fehim aktar fil-fond dwar l-Unjoni Ewropea u għarfien bażiku ta' kif l-UE tinvesti fir-reġjuni u fil-bliet tagħhom. Kors dwar l-UE u l-politika ta' Koeżjoni mmirat lejn l-istudenti tal-ġurnaliżmu iżid l-għadd ta' ġurnalisti speċjalizzati fl-affarijiet tal-UE u jikkontribwixxi b'mod aktar wiesa' għal kopertura infurmata tal-politiki u l-inizjattivi tal-UE inkluż dawk implimentati fil-livell reġjonali u lokali. Dan jgħin ukoll biex jitnaqqsu l-miżinformazzjoni u d-diżinformazzjoni dwar l-Unjoni, u b'hekk il-ġurnalisti jkunu jistgħu jidentifikaw aħjar l-aħbarijiet foloz u jwettqu l-missjoni fundamentali tagħhom tal-verifika tal-fatti.

Fl-istess ħin, il-politika ta' Koeżjoni tipprovdi investimenti sabiex tappoġġa l-ħolqien tal-impjiegi, il-kompetittività tan-negożji, it-tkabbir ekonomiku, l-iżvilupp sostenibbli, u ttejjeb il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini fil-240 reġjun tal-UE. Għalhekk, kors dwar l-UE għandu jiffoka wkoll fuq l-investimenti tal-politika ta' Koeżjoni li jirrappreżentaw l-aktar prova tanġibbli u konkreta tal-impatt tal-UE fuq il-ħajja ta' kuljum ta' miljuni ta' ċittadini. Tali kors itejjeb il-fehim u s-sensibilizzazzjoni tal-ġurnalisti dwar il-politika ta' Koeżjoni tal-UE u l-impatt tagħha fuq il-ħajja tan-nies. Il-kors jikkontribwixxi wkoll għaż-żieda fil-viżibbiltà tal-politika ta' Koeżjoni tal-UE fost in-nies fl-UE, kif talbu ripetutament il-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-UE.

2. OBJETTIV(I) – TEMA/I – PRIJORITAJIET

Bis-sejħa attwali għal proposti, il-Kummissjoni Ewropea tfittex benefiċjarji potenzjali li se jiżviluppaw kurrikulu u materjali tat-tagħlim għal kors dwar l-Unjoni Ewropea u dwar il-politika ta' Koeżjoni tal-UE għall-istudenti tal-ġurnaliżmu, jistabbilixxu strateġija ta' skjerament, joħolqu network ta' istituzzjonijiet edukattivi akkreditati tal-ġurnaliżmu fl-Istati Membri, u jimplementaw kors dwar l-Unjoni Ewropea u dwar il-politika ta' Koeżjoni tal-UE f'dak in-network. L-għan ewlieni huwa li tiġi stabbilita offerta ta' taħriġ bażiku tal-UE aktar sistematika bħala parti mill-kurrikulu għall-istudji tal-ġurnaliżmu.

L-objettivi speċifiċi għal din is-sejħa għal proposti huma:

- Li jittejjeb il-livell ta' għarfien, il-kompetenzi u l-ħiliet ewlenin tal-istudenti tal-ġurnaliżmu kemm fir-rigward tal-Unjoni Ewropea kif ukoll tal-politika ta' Koeżjoni tal-UE;
- Li jiġi mħeġġeġ dibattitu akkademiku fir-rigward tal-UE u, b'mod speċifiku, il-politika ta' Koeżjoni, ir-riżultati tagħha, ir-rwol tagħha fit-twettiq tal-prijoritajiet politiċi u dwar il-futur tagħha;
- Li jitrawwem titjib fil-kwalità u innovazzjoni fit-tagħlim dwar l-UE u dwar il-politika ta' Koeżjoni tal-UE fil-kuntest tal-istudji dwar il-ġurnaliżmu, b'mod partikolari permezz ta' kooperazzjoni mtejba bejn l-istituzzjonijiet edukattivi.

Il-kurrikulu tal-kors għandu jinkludi:

- Il-punti bażiċi ta' kif taħdem l-UE
- Kif l-UE tinvesti fir-reġjuni u fil-bliet, b'mod partikolari permezz tal-politika ta' Koeżjoni
- Kif għandhom jiġu koperti u rrapportati l-inizjattivi u l-proġetti tal-UE b'enfasi fuq il-livell reġjonali u lokali

Ir-riżultati u l-outputs mistennija huma dawn li ġejjin:

- Li jiġu żviluppatti kurrikulu u materjali tat-tagħlim dwar l-Unjoni Ewropea u dwar il-politika ta' Koeżjoni li jistgħu jintużaw fl-iskejjel tal-ġurnaliżmu madwar l-UE matul u wara l-perjodu ta' implimentazzjoni tal-proġett;
- Li jiġi stabbilit network ta' skejjel tal-ġurnaliżmu iddedikati biex javvanzaw l-istudji tal-UE u tal-politika ta' Koeżjoni fil-ġurnaliżmu, b'perjodu twil ta' funzjonament;
- Li jiżdied l-għadd ta' gradwati fil-ġurnaliżmu b'fehim bażiku ta' kif taħdem l-UE u kif tinvesti fir-reġjuni u fil-bliet.

Il-proposti għandhom jirrispettaw il-libertà akkademika fl-iżvilupp ta' materjali tat-tagħlim, ta' lectures u ta' preżentazzjonijiet, fi skambji u f'networks fost l-istituzzjonijiet edukattivi parteċipanti, kif ukoll matul l-iżvilupp u l-implimentazzjoni kollha tal-proġett.

Minbarra li jiksbu r-riżultati msemmija hawn fuq, l-applikanti għandhom jiżguraw li:

- il-kurrikulu u l-materjali tat-tagħlim ikunu disponibbli kemm online (eż. MOOC, gwida għar-riżorsi tal-web dwar il-politika ta' koeżjoni) kif ukoll offline (eż. ktieb akkademiku dwar l-UE u l-politika ta' koeżjoni, preżentazzjonijiet lesti bil-

powerpoint), kif ukoll mingħajr drittijiet tal-awtur għall-użu ta' istituzzjonijiet edukattivi multipli fl-UE;

- il-kurrikulu u l-materjali tat-tagħlim ikunu disponibbli fil-lingwi kollha tal-UE;
- jintegraw fl-ogħla livell possibbli riżorsi li diġà huma disponibbli taħt inizjattivi preċedenti jew eżistenti mill-Kummissjoni Ewropea sabiex ma jidduplikawx l-infiq;
- jgħinu lill-istudenti jifhemu fejn għandhom isibu u kif għandhom jagħmlu l-aħjar użu mid-*data* u mill-informazzjoni tal-UE;
- joffru esperjenzi prattiċi ta' tagħlim lill-istudenti matul il-kors.

L-udjenza fil-mira tal-miżuri li għandhom jiġu implimentati permezz ta' din is-sejħa hija l-istudenti ta' fakultajiet akkreditati tal-ġurnaliżmu fl-universitajiet u f'istituzzjonijiet edukattivi oħra li jinsabu fl-Istati Membri tal-UE.

3. SKEDA

	Passi	Data u ħin jew perjodu indikattiv
(a)	Pubblikazzjoni tas-sejħa	03/05/2021
(b)	Skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet	24/08/2021 fis-13:00 Ħin tal-Ewropa Ċentrali (CET)
(c)	Perjodu ta' evalwazzjoni	Settembru-Ottubru 2021
(d)	Informazzjoni lill-applikanti	Novembru 2021
(e)	Iffirmar tal-ftehim ta' għotja	Jannar 2022

4. BAĠIT DISPONIBBLI

Il-baġit totali allokat għall-kofinanzjament tal-proġett taħt din is-sejħa għal proposti huwa stmat li jlaħħaq EUR 1,000,000.

Il-Kummissjoni hija mistennija li tiffinanzja proposta **waħda**.

Il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li ma tqassamx il-fondi kollha disponibbli.

5. REKWIŻITI TA' AMMISSIBILITÀ

Sabiex ikunu ammissibbli, l-applikazzjonijiet għandhom:

- jintbagħtu mhux aktar tard mill-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet imsemmija fit-Taqsima 3;
- jiġu sottomessi bil-miktub (ara t-Taqsima 14), billi tintuża l-formola ta' applikazzjoni disponibbli fuq https://ec.europa.eu/regional_policy/en/newsroom/funding-opportunities/calls-for-proposal/; u
- abbozzati f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE.

In-nuqqas ta' konformità ma' dawn ir-rekwiżiti jwassal biex l-applikazzjoni tiġi miċħuda.

6. KRITERJI TA' ELIĠIBBILTÀ

6.1. Applikanti eliġibbli

Il-proposti jistgħu jiġu ppreżentati mill-universitajiet u minn istituzzjonijiet edukattivi oħrajn li jgħallmu l-ġurnaliżmu fil-livell ta' qabel il-gradwazzjoni u fil-livell tal-gradwati li jinsabu fi Stat Membru tal-UE u li huma akkreditati skont il-leġiżlazzjoni ta' dak il-pajjiż.

Il-persuni fiżiċi mhumiex eliġibbli.

Pajjiż ta' stabbiliment

Huma eliġibbli biss applikazzjonijiet minn entitajiet legali stabbiliti fil-pajjiżi li ġejjin:

- l-Istati Membri tal-UE.

Rekwiżiti ta' diversi beneficijarji

- Sabiex tkun eliġibbli, proposta għandha tiġi sottomessa minn tal-anqas żewġ entitajiet legali.

Bħala eċċezzjoni, applikazzjoni tista' tiġi sottomessa minn applikant **wieħed**, kemm jekk stabbilit speċifikament għall-azzjoni jew le, diment li:

- ikun iffurmat minn diversi entitajiet legali li jikkonformaw mal-kriterji ta' eliġibbiltà, nonesklużjoni u tal-għażla stabbiliti f'din is-sejħa għal proposti, u li jimplementaw flimkien l-azzjoni proposta;
- l-applikazzjoni tidentifika l-entitajiet imsemmija.

Għall-fini tad-dikjarazzjoni tal-kostijiet eliġibbli kif speċifikat fit-Taqsima 11.2, l-entitajiet li jiffurmaw l-applikant għandhom jiġu ttrattati bħala entitajiet affiljati f'konformità mal-Artikolu 187 tar-Regolament Finanzjarju¹.

Dokumenti ta' sostenn

Sabiex tiġi vvalutata l-eliġibbiltà tal-applikanti, jintalbu d-dokumenti ta' sostenn li ġejjin:

- **entità privata:** silta mill-ġurnal uffiċjali, kopja tal-istatut ta' assoċjazzjoni, silta mir-reġistru kummerċjali jew ta' assoċjazzjoni, ċertifikat ta' responsabbiltà għall-ħlas tal-VAT (jekk, bħal f'xi pajjiżi, in-numru tar-reġistru kummerċjali u n-numru tal-VAT ikunu identiċi, ikun meħtieġ wieħed biss minn dawn id-dokumenti);
- **entità pubblika:** kopja tar-riżoluzzjoni, tad-deċiżjoni jew ta' dokument uffiċjali ieħor li jstabbilixxi lill-entità regolata bil-liġi pubblika;
- **entitajiet mingħajr personalità ġuridika:** dokumenti li jipprovdu evidenza li r-rappreżentant(i) tagħhom ikollhom il-kapaċità li jissodisfaw l-obbligi ġuridiċi f'isimhom.

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 193, 30.7.2018, p.1)

Innota li, matul il-proċedura, l-applikanti jistgħu jintalbu jirreġistraw u jipprovdu Kodiċi ta' Identifikazzjoni tal-Parteċipant (PIC, numru b'9 ċifri), li jservi bħala l-identifikatur uniku tal-organizzazzjoni tagħhom fir-Reġistru tal-Parteċipanti. L-applikanti jirċievu struzzjonijiet dwar kif joħolqu PIC fi żmien xieraq.

Mal-komunikazzjoni tal-PIC tal-applikant, is-Servizzi ta' Validazzjoni tal-UE (Servizzi ta' Validazzjoni tal-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka) jikkuntattjaw lill-applikant (permezz tas-sistema ta' messaġġi inkorporata fir-Reġistru tal-Parteċipanti) u jitolbu lil dan tal-aħħar jipprovdi d-dokumenti ta' sostenn meħtieġa biex jagħti prova tal-eżistenza u l-istatus legali tal-organizzazzjoni. Id-dettalji u l-istruzzjonijiet kollha neċessarji jiġu pprovdu permezz ta' din in-notifika separata.

6.2. Attivitajiet eliġibbli

L-attivitajiet eliġibbli għandhom ikunu dawk meħtieġa biex jitwettqu l-miżuri u jinkisbu l-outputs/ir-riżultati maħsuba f'konformità mal-oġettivi, it-temi u l-udjenza fil-mira kif elenkati taħt it-Taqsima 2 ta' din is-sejħa għal proposti.

A. Il-miżuri għandhom jiġu implimentati f'diversi Stati Membri tal-UE jew fl-Istati Membri kollha tal-UE.

B. Il-miżuri **meħtieġa** bil-liġi jew skont il-kuntratti speċifiċi għal servizzi pubbliċi (fil-każ ta' entitajiet pubbliċi) mhumiex eliġibbli.

C. It-tipi ta' attivitajiet li ġejjin huma eliġibbli skont din is-sejħa għal proposti: attivitajiet ta' riċerka; studji, analiżijiet; azzjonijiet immirati lejn il-ħolqien u t-titjib ta' networks, skambji ta' prattiki tajbin; attivitajiet ta' kooperazzjoni; lectures u attivitajiet ta' taħriġ; kwalunkwe attività oħra meqjusa xierqa biex jintlaħqu l-oġettivi ta' din is-sejħa għal proposti.

6.3. Perjodu ta' implimentazzjoni

Id-durata tal-proġett għandha tkun bejn 12-il xahar u 18-il xahar.

L-applikazzjonijiet għall-proġetti skedati li jdumu għal perjodu ta' żmien iqsar jew itwal minn dak speċifikat f'din is-sejħa għal proposti mhumiex se jiġu aċċettati.

7. KRITERJI TA' ESKLUŻJONI

7.1. Esklużjoni

L-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni għandu jeskludi lil applikant milli jipparteċipa fi proċeduri tas-sejħa għal proposti meta:

- (a) l-applikant ikun fallut, soġġett għal proċeduri ta' insolvenza jew ta' stralċ, l-assi tiegħu jkunu qed jiġu amministrati minn likwidatur jew minn qorti, ikun jinsab f'arranġament mal-kredituri, l-attivitajiet kummerċjali tiegħu jkunu sospiżi, jew ikun jinsab f'xi sitwazzjoni analoga li tirriżulta minn proċedura simili prevista skont il-liġijiet jew ir-regolamenti tal-UE jew nazzjonali;
- (b) ikun ġie stabbilit b'sentenza finali jew b'deċiżjoni amministrattiva finali li l-applikant ikun qed jikser l-obbligi tiegħu marbuta mal-ħlas tat-taxxi jew tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali f'konformità mal-liġi applikabbli;

- (c) ikun ġie stabbilit b'sentenza finali jew b'deċiżjoni amministrattiva finali li l-applikant ikun ħati ta' mġiba professjonali gravi billi jkun kiser il-liġijiet jew ir-regolamenti jew l-istandards etiċi applikabbli tal-professjoni tal-applikant, jew billi jkun indika intenzjoni ħażina jew negliġenza gravi, inkluż, b'mod partikolari, kwalunkwe wieħed mill-eżempji li ġejjin:
- (i) ir-rappreżentazzjoni skorretta b'mod frawdolenti jew negliġenti tal-informazzjoni meħtieġa għall-verifika tan-nuqqas ta' raġunijiet għall-esklużjoni jew l-issodisfar tal-kriterji ta' eliġibbiltà jew tal-għażla jew fit-tweqqi ta' kuntratt, ftehim ta' għotja jew deċiżjoni ta' għotja;
 - (ii) jidħol fi ftehim ma' applikanti oħra bil-għan li ssir distorsjoni tal-kompetizzjoni;
 - (iii) jikser drittijiet tal-proprjetà intellettuali;
 - (iv) jipprova jinfluwenza l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni matul il-proċedura ta' għoti;
 - (v) jipprova jikseb informazzjoni kunfidenzjali li tista' tirriżulta f'vantaġġi mhux xierqa għalih fil-proċedura ta' għoti;
- (d) ikun ġie stabbilit b'sentenza finali li l-applikant ikun ħati ta' kwalunkwe wieħed mill-eżempji li ġejjin:
- (i) frodi, skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, imfassla permezz tal-Att tal-Kunsill tas-26 ta' Lulju 1995;
 - (ii) korruzzjoni, kif definita fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva (UE) 2017/1371 jew l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imfassla mill-Att tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 1997, jew l-imġiba msemmija fl-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/568/ĠAI, kif ukoll korruzzjoni kif definita fil-liġi applikabbli;
 - (iii) imġiba marbuta ma' organizzazzjoni kriminali, kif imsemmi fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI;
 - (iv) ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu skont it-tifsira tal-Artikolu 1(3), (4) u (5) tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
 - (v) reati terroristiċi jew reati marbuta ma' attivitajiet terroristiċi, kif definiti fl-Artikoli 1 u 3 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI, rispettivament, jew l-inkitazzjoni, l-għoti ta' għajnuna, il-kompliċità jew tentattivi li jitwettqu tali reati, kif imsemmija fl-Artikolu 4 ta' din id-Deċiżjoni;
 - (vi) tħaddim tat-tfal jew reati oħra li jikkonċernaw it-traffikar ta' bnedmin kif imsemmija fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- (e) l-applikant ikun wera nuqqasijiet sinifikanti fil-konformità mal-obbligi ewlenin tal-eżekuzzjoni ta' kuntratt, ftehim ta' għotja jew deċiżjoni tal-għotja ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni, li jkunu wasslu għal terminazzjoni bikrija jew għall-applikazzjoni ta' danni likwidati jew penali kuntrattwali oħra, jew li jkun ġie skopert wara li jkunu saru verifiki, awditjar jew investigazzjonijiet minn uffiċjal tal-awtorizzazzjoni, mill-OLAF jew mill-Qorti tal-Awdituri;

- (f) ikun ġie stabbilit b'sentenza finali jew b'deċiżjoni amministrattiva finali li l-applikant ikun wettaq irregolarità skont it-tifsira tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95;
- (g) ikun ġie stabbilit b'sentenza finali jew b'deċiżjoni amministrattiva finali li l-applikant ikun ħoloq entità f'ġuriżdizzjoni differenti bil-ħsieb li jiġu evitati obbligi fiskali, soċjali jew kwalunkwe obbligu legali ieħor ta' applikazzjoni obbligatorja fil-ġuriżdizzjoni tal-uffiċċju rreġistrat, tal-amministrazzjoni ċentrali jew tal-post prinċipali tan-negożju;
- (h) ikun ġie stabbilit b'sentenza finali jew b'deċiżjoni amministrattiva finali li entità tkun inħolqot bil-ħsieb imsemmi fil-punt (g);
- (i) għas-sitwazzjonijiet imsemmija fil-punti (c) sa (h) hawn fuq, l-applikant ikun soġġett għal:
 - (i) fatti stabbiliti fil-kuntest ta' awditi jew investigazzjonijiet imwettqa mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew wara l-istabbiliment tiegħu, mill-Qorti tal-Awdituri, mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi jew mill-awditur intern, jew kwalunkwe verifika, awditu jew kontroll ieħor li jsir taħt ir-responsabbiltà ta' uffiċċjal tal-awtorizzazzjoni ta' istituzzjoni tal-UE, ta' uffiċċju Ewropew jew ta' aġenzija jew korp tal-UE;
 - (ii) sentenzi mhux finali jew deċiżjonijiet amministrattivi mhux finali li jistgħu jinkludu miżuri dixxiplinari meħuda mill-korp superviżorju kompetenti responsabbli għall-verifika tal-applikazzjoni tal-istandards tal-etika professjonali;
 - (iii) fatti msemmija fid-deċiżjonijiet ta' persuni jew entitajiet li jkunu fdati b'kompiti tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE;
 - (iv) informazzjoni trażmessa mill-Istati Membri li jimplementaw il-fondi mill-Unjoni;
 - (v) deċiżjonijiet tal-Kummissjoni relatati mal-ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni jew ta' awtorità kompetenti nazzjonali marbuta mal-ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni jew nazzjonali; jew
 - (vi) deċiżjonijiet ta' esklużjoni minn uffiċċjal tal-awtorizzazzjoni ta' istituzzjoni tal-UE, ta' uffiċċju Ewropew jew ta' aġenzija jew korp tal-UE.

7.2. Miżuri ta' rimedju

Jekk applikant jiddikjara waħda mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni elenkati hawn fuq (ara t-Taqsima 7.1), dan għandu jindika l-miżuri li jkun ħa biex jirrimedja s-sitwazzjoni ta' esklużjoni, u b'hekk juri l-affidabbiltà tiegħu. Dan jista' jinkludi, pereżempju, miżuri tekniċi, ta' organizzazzjoni jew tal-persunal li jikkoreġu l-imġiba u jipprevjenu aktar okkorrenzi, kumpens għal dannu jew ħlas ta' multi jew ta' kwalunkwe taxxa jew kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali. L-evidenza dokumentarja rilevanti li turi l-miżuri ta' rimedju meħuda għandha tiġi pprovduta fl-anness tad-dikjarazzjoni. Dan ma japplikax għas-sitwazzjonijiet imsemmija fil-punt (d) tat-Taqsima 7.1.

7.3. Rifjut tas-sejħa għal proposti

L-uffiċċjal tal-awtorizzazzjoni ma għandux jaġhti għotja lil applikant li:

- (a) ikun f' sitwazzjoni ta' esklużjoni stabbilita f'konformità mat-Taqsima 7.1; jew
- (b) ikun irrappreżenta b'mod ħażin l-informazzjoni meħtieġa bħala kondizzjoni għall-parteċipazzjoni fil-proċedura jew ikun naqas milli jipprovdidi dik l-informazzjoni; jew

- (c) qabel kien involut fit-tnejn tad-dokumenti użati fil-proċedura ta' għoti fejn dan ikun jinvolvi ksur tal-prinċipju ta' trattament indaqs, inkluż tfixkil tal-kompetizzjoni li ma tistax tiġi rimedjata b'xi mod ieħor.

L-istess kriterji ta' esklużjoni japplikaw għall-entitajiet affiljati.

Jistgħu jiġu imposti sanzjonijiet amministrattivi (esklużjoni) fuq l-applikanti, jew l-entitajiet affiljati fejn applikabbli, jekk xi waħda mid-dikjarazzjonijiet jew l-informazzjoni pprovduta bħala kondizzjoni għall-parteċipazzjoni f'din il-proċedura tkun falza.

7.4. Dokumenti ta' sostenn

L-applikanti u l-entitajiet affiljati għandhom jipprovdu dikjarazzjoni fuq l-unur tagħhom li tiċċertifika li ma jkunux f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 136(1) u 141 tar-Regolament Finanzjarju², billi jimlew il-formola rilevanti mehmuża mal-formola ta' applikazzjoni li takkumpanja s-sejħa għal proposti u li hija disponibbli fuq https://ec.europa.eu/regional_policy/en/newsroom/funding-opportunities/calls-for-proposal/.

Dan l-obbligu jista' jiġi ssodisfat b'wieħed mill-modi li ġejjin:

Għall-għotjiet lil benefiċjarju wieħed:

- (i) l-applikant jiffirma dikjarazzjoni f'ismu u f'isem l-entitajiet affiljati tiegħu; JEW
- (ii) l-applikant u l-entitajiet affiljati tiegħu kollha jiffirmaw dikjarazzjoni separata f'isimhom.

Għall-għotjiet lil diversi benefiċjarji:

- (i) il-koordinatur ta' konsorzju jiffirma dikjarazzjoni f'isem l-applikanti kollha u l-entitajiet affiljati tagħhom; JEW
- (ii) kull applikant fil-konsorzju jiffirma dikjarazzjoni f'ismu u f'isem l-entitajiet affiljati tiegħu; JEW
- (iii) kull applikant fil-konsorzju u l-entitajiet affiljati kollha jiffirmaw dikjarazzjoni separata f'isimhom.

8. KRITERJI TAL-GĦAŻLA

8.1. Kapaċità finanzjarja

L-applikanti għandu jkollhom sorsi stabbli u suffiċjenti ta' finanzjament biex iżommu l-attività tagħhom tul id-durata tal-għotja u biex jipparteċipaw fil-finanzjament tagħha. Il-kapaċità finanzjarja tal-applikanti se tiġi vvalutata abbażi tad-dokumenti ta' sostenn li ġejjin li għandhom jiġu sottomessi flimkien mal-applikazzjoni:

² Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 193, 30.7.2018, p.1)

a) Għotjiet ta' valur baxx (\leq EUR 60,000):

- dikjarazzjoni fuq l-unur tagħhom.

b) Għotjiet ta' $>$ EUR 60,000:

- dikjarazzjoni fuq l-unur tagħhom, u

JEW

- ir-rapport tal-introjtu kif ukoll il-karta tal-bilanċ għall-aħħar sentejn finanzjarji li għalihom ikunu ngħalqu l-kontijiet;
- għal entitajiet ġodda li għadhom kemm inħolqu: il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju jaf jieħu post id-dokumenti ta' hawn fuq;

JEW

- it-tabella prevista fil-formola ta' applikazzjoni, kompluta biċ-ċifri statutorji tal-kontabbiltà rilevanti, sabiex jiġu kkalkolati l-proporzjonijiet kif deskritt fil-formola.

c) Għotjiet għal azzjoni ta' $>$ EUR 750,000:

- (i) l-informazzjoni u d-dokumenti ta' sostenn imsemmija fil-punt b) hawn fuq, u
- (ii) **rapport tal-awditjar** prodott minn awditur estern approvat li jiċċertifika l-kontijiet għall-aħħar sentejn finanzjarji disponibbli, fejn tali rapport tal-awditjar ikun disponibbli jew kull meta rapport statutorju jkun meħtieġ mil-liġi.

Jekk ir-rapport tal-awditjar ma jkunx disponibbli U rapport statutorju ma jkunx meħtieġ bil-liġi, għandha tiġi pprovduta awtodikjarazzjoni ffirmata mir-rappreżentant awtorizzat tal-applikant li tiċċertifika l-validità tal-kontijiet tiegħu għall-aħħar sentejn finanzjarji disponibbli.

Fil-każ ta' applikazzjoni li tiġbor fiha diversi applikanti (konsorzju), il-limiti ta' hawn fuq japplikaw għal kull applikant.

Fil-każ ta' entitajiet ġuridiċi li jiffurmaw applikant **wieħed** (l-“applikant uniku”), kif speċifikat fit-Taqsima 6.1, ir-reqwiziti ta' hawn fuq japplikaw għal kull waħda minn dawk l-entitajiet.

Abbażi tad-dokumenti sottomessi, jekk il-Kummissjoni tqis li l-kapaċità finanzjarja tkun dgħajfa, hija tista':

- titlob aktar informazzjoni;
- tiddeċiedi li ma tagħtix il-prefinanzjament;
- tiddeċiedi li tagħti prefinanzjament li jitħallas f'pagamenti;
- tiddeċiedi li tagħti prefinanzjament kopert minn garanzija bankarja (ara t-Taqsima 11.6.2 hawn taħt);
- fejn applikabbli, titlob ir-responsabbiltà finanzjarja *in solidum* tal-kobenefiċjarji kollha.

Jekk l-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni Responsabbli jqis li l-kapaċità finanzjarja ma tkunx biżżejjed, huwa jiċħad l-applikazzjoni.

8.2. Kapaċità operazzjonali

L-applikanti għandu jkollhom il-kompetenzi professjonali kif ukoll il-kwalifiki xierqa meħtieġa biex ilestu l-azzjoni proposta. F'dan ir-rigward, l-applikanti għandhom jippreżentaw dikjarazzjoni fuq l-unur tagħhom, u d-dokumenti ta' sostenn li ġejjin:

- *curriculum vitae* jew deskrizzjoni tal-profil tal-persuni primarjament responsabbli għall-ġestjoni u għall-implimentazzjoni tal-operazzjoni;
- lista ta' proġetti/attivitajiet preċedenti mwettqa u relatati mas-sejħa jew lista ta' attivitajiet li twettqu fl-aħħar sentejn (massimu ta' 4 proġetti jew attivitajiet).

Fil-każ ta' entitajiet ġuridiċi li jiffurmaw applikant **wieħed** (l-applikant "uniku"), kif speċifikat fit-Taqsima 6.1, ir-rekwiżiti ta' hawn fuq japplikaw għal kull waħda minn dawk l-entitajiet.

9. KRITERJI GĦALL-GĦOTI

L-applikazzjonijiet/proġetti eliġibbli jiġu vvalutati abbażi tal-kriterji li ġejjin:

	Kriterji	Elementi li għandhom jiġu kkunsidrati	Ponderazzjoni (punti)
1.	Ir-rilevanza tal-miżura u l-kontribut għall-oġġettivi tas-sejħa għal proposti	<ul style="list-style-type: none"> • Ir-rilevanza tal-oġġettivi tal-proposta fir-rigward tal-oġġettivi u l-prijoritajiet tas-sejħa għall-proposti • Il-valur miżjud meta mqabbel mal-inizjattivi eżistenti rilevanti mill-Kummissjoni Ewropea • Il-karattru innovattiv tal-proġett fir-rigward tal-materjali u l-azzjonijiet edukattivi relatati mal-UE u l-politika ta' Koeżjoni, kif ukoll opportunitajiet għal taġġlim prattiku 	20 punt; (livell limitu minimu ta' 50 %)
2.	L-effikaċja tal-miżura	<ul style="list-style-type: none"> • Oġġettivi speċifiċi, li jistgħu jitkejlu, li jistgħu jintlaħqu u rilevanti • L-effikaċja tal-metodoloġiji proposti biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' din is-sejħa, inkluż metodi biex: jitħejjew u jiġu prodotti l-materjali tat-taġġlim, jiġi mmonitorjat il-progress, tiġi żgurata l-libertà akkademika, jinbnew soluzzjonijiet tekniċi u jiġu evalwati r-riżultati tal-proġett • Il-possibiltajiet għat-tkomplija tal-proġett lil hinn mill-perjodu mitlub għall-appoġġ tal-UE 	20 punt; (livell limitu minimu ta' 50 %)

3.	L-effiċjenza tal-miżura	<ul style="list-style-type: none"> • Il-kosteffettività f'termini tar-riżorsi proposti, billi jiġu kkunsidrati l-kostijiet kif ukoll ir-riżultati mistennija 	20 punt; (livell limitu minimu ta' 50 %)
4.	Il-kopertura ġeografika	<ul style="list-style-type: none"> • L-għadd ta' istituzzjonijiet edukattivi koperti u l-għadd ta' Stati Membri ta' oriġini tal-istituzzjonijiet edukattivi 	20 punt; (livell limitu minimu ta' 50 %)
5.	L-organizzazzjoni tat-tim tal-proġett u l-kwalità tal-ġestjoni tal-proġett	<ul style="list-style-type: none"> • Il-kwalità tal-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni proposti, is-sistemi ta' kontroll tal-kwalità u l-arranġamenti biex jiġu ġestiti r-riskji • Il-kwalità tal-allokazzjoni tal-kompiti bil-għan li jiġu implimentati l-attivitajiet tal-proġett 	20 punt; (livell limitu minimu ta' 50 %)

Se jingħata massimu ta' 100 punt għall-kwalità tal-proposta. Il-punteġġ globali minimu meħtieġ huwa 60 punt minn 100, filwaqt li punteġġ minimu ta' 50 % huwa meħtieġ għal kull kriterju. Il-proposti li jissodisfaw il-livelli limiti ta' kwalità msemmija hawn fuq biss se jitpoġġew fuq il-lista ta' klassifika. Il-fatt li jintlaħaq il-livell limitu ma jimplikax awtomatikament li se tingħata l-ġhotja.

10. IMPENJI LEGALI

Fil-każ ta' ġhotja mogħtija mill-Kummissjoni, jintbagħat ftehim ta' ġhotja lill-applikant, imfassal fil-munita euro u li jiddeskrivi l-kondizzjonijiet u l-livell ta' finanzjament, flimkien mal-informazzjoni dwar il-proċedura għall-formalizzazzjoni tal-ftehim tal-partijiet.

L-ewwel, il-benefiċjarju jew il-koordinatur għandu jiffirma żewġ kopji tal-ftehim oriġinali f'isem il-konsorzju qabel ma jibgħathom lura minnufih lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tkun l-aħħar li tiffirmahom.

L-applikanti jifhmu li s-sottomissjoni ta' applikazzjoni għal ġhotja timplika l-aċċettazzjoni tal-kondizzjonijiet ġenerali mehmuża ma' din is-sejħa għal proposti. Dawn il-kondizzjonijiet ġenerali jorbtu lill-benefiċjarju li lili tingħata l-ġhotja u għandhom jikkostitwixxu anness għad-deċiżjoni ta' ġhotja.

11. DISPOŻIZJONIJIET FINANZJARJI

11.1. Forom tal-għotja

11.1.1 Rimborż tal-kostijiet effettivament imġarrba

L-għotja tiġi ddefinita bl-applikazzjoni ta' rata massima ta' kofinanzjament ta' 95 % għall-kostijiet eliġibbli mġarrba effettivament u ddikjarati mill-benefiċjarju u mill-entitajiet affiljati tiegħu.

Għad-dettalji dwar l-eliġibbiltà tal-kostijiet, irreferi għat-Taqsima 11.2.

11.1.2 Rimborż tal-kostijiet eliġibbli ddikjarati abbażi ta' rata fissa

L-għotja tiġi ddefinita bl-applikazzjoni ta' rata massima ta' kofinanzjament ta' 95 % għall-kostijiet eliġibbli ddikjarati mill-benefiċjarju u mill-entitajiet affiljati tiegħu abbażi ta':

- (a) rata fissa ta' 7 % tal-kostijiet diretti eliġibbli ("rimborż ta' kostijiet b'rata fissa") għall-kategoriji ta' kostijiet li ġejjin: kostijiet indiretti.

Ir-rata fissa titħallas wara l-aċċettazzjoni tal-kostijiet li għalihom għandha tiġi applikata r-rata fissa.

11.2. Kostijiet eliġibbli

Il-kostijiet eliġibbli għandhom jissodisfaw il-kriterji kollha li ġejjin:

- ikunu mġarrba mill-benefiċjarju.
- jiġġarrbu matul id-durata tal-azzjoni, bl-eċċezzjoni tal-kostijiet marbuta mar-rapporti finali u maċ-ċertifikati tal-awditjar;
 - Il-perjodu ta' eliġibbiltà tal-kostijiet jibda kif speċifikat fil-ftehim ta' għotja.
 - Jekk benefiċjarju jkun jista' juri l-ħtieġa li jibda l-azzjoni qabel ma jiġi ffirmat il-ftehim, il-perjodu ta' eliġibbiltà tal-kostijiet jista' jibda qabel dak l-iffirmar. Il-perjodu ta' eliġibbiltà fl-ebda ċirkostanza ma jista' jibda qabel id-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għal għotja.
- ikunu indikati fl-istima tal-baġit tal-azzjoni;
- ikunu meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-azzjoni li tkun is-suġġett tal-għotja;
- ikunu identifikabbli u verifikabbli, u b'mod partikolari jkunu rreġistrati fir-rekords kontabilistiċi tal-benefiċjarju u ddeterminati skont l-istandards kontabilistiċi applikabbli tal-pajjiż fejn ikun stabbilit il-benefiċjarju u skont il-prattiki kontabilistiċi tas-soltu tal-kostijiet tal-benefiċjarju;
- ikunu konformi mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni fiskali u soċjali applikabbli;
- ikunu raġonevoli, iġġustifikati, u jikkonformaw mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, b'mod partikolari rigward l-ekonomija u l-effiċjenza.

Il-proċeduri interni ta' kontabbiltà u ta' awditjar tal-benefiċjarju għandhom jippermettu r-rikonċiljazzjoni diretta tal-kostijiet u tad-dħul iddikjarati fir-rigward tal-azzjoni/proġett mad-dikjarazzjonijiet kontabilistiċi u mad-dokumenti ta' sostenn korrispondenti.

L-istess kriterji japplikaw għall-kostijiet li jiġġarrbu mill-entitajiet affiljati.

Il-kostijiet eliġibbli jistgħu jkunu diretti jew indiretti.

11.2.1. Kostijiet diretti eliġibbli

Il-kostijiet diretti eliġibbli għall-azzjoni huma dawk il-kostijiet li:

filwaqt li jitqiesu l-kondizzjonijiet ta' eliġibbiltà stabbiliti hawn fuq, ikunu identifikabbli bħala kostijiet speċifiċi marbuta direttament mat-twettiq tal-azzjoni u li għaldaqstant jistgħu jiġu assenjati direttament lilha, bħal pereżempju:

- (a) il-kostijiet tal-persunal li jaħdem b'kuntratt ta' impjieg mal-benefiċjarju jew b'att ta' ħatra ekwivalenti u li jkun assenjat għall-azzjoni, diment li dawn il-kostijiet ikunu konformi mal-politika tas-soltu tal-benefiċjarju dwar ir-remunerazzjoni.

Dawn il-kostijiet jinkludu s-salarji reali flimkien mal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u kostijiet statutorji oħra inklużi fir-remunerazzjoni. Jistgħu jinkludu wkoll remunerazzjonijiet addizzjonali, inkluż il-ħlasijiet abbażi ta' kuntratti supplimentari, irrispettivament min-natura ta' dawk il-kuntratti, diment li dawn jitħallsu b'mod konsistenti kull meta jkun meħtieġ l-istess tip ta' xogħol jew għarfien espert, indipendentement mis-sors ta' finanzjament li jintuża;

Il-kostijiet tal-persuni fiżiċi li jaħdmu b'kuntratt mal-benefiċjarju li mhuwiex kuntratt ta' impjieg jew li huma ssekondati bi ħlas minn parti terza lill-benefiċjarju jistgħu jiġu inklużi wkoll f'dawn il-kostijiet tal-persunal, diment li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

- (i) il-persuna taħdem b'kondizzjonijiet simili għal dawk ta' impjegat (b'mod partikolari fir-rigward tal-mod kif ikun organizzat ix-xogħol, il-kompiti li jitwettqu u l-post fejn jitwettqu);
- (ii) ir-riżultat tax-xogħol jappartjeni għall-benefiċjarju (diment li ma jkunx miftiehem mod ieħor b'mod eċċezzjonali); u
- (iii) il-kostijiet ma jkunux differenti b'mod sinifikanti mill-kostijiet tal-persunal li jwettaq kompiti simili b'kuntratt ta' impjieg mal-benefiċjarju;

Il-metodi rakkomandati biex jiġu kkalkolati l-kostijiet diretti tal-persunal huma pprovdu ti fl-Appendiċi.

- (b) il-kostijiet tal-ivvjaġġar u l-indennizzi tas-sussistenza relatati, diment li dawn il-kostijiet ikunu konformi mal-prattiki tas-soltu tal-benefiċjarju dwar l-ivvjaġġar;
- (c) il-kostijiet ta' deprezzament tat-tagħmir jew ta' assi oħra (għodda jew użati) kif irreġistrati fid-dikjarazzjonijiet kontabilistiċi tal-benefiċjarju, diment li l-assi:
 - (i) jiġthassar f'konformità mal-istandards kontabilistiċi internazzjonali u l-prattiki kontabilistiċi tas-soltu tal-benefiċjarju; u
 - (ii) jinxtara f'konformità mar-regoli dwar il-kuntratti ta' implimentazzjoni stipulati fil-ftehim ta' għotja, jekk il-bejgħ ikun sar fil-perjodu tal-implimentazzjoni;

Il-kostijiet tal-kiri jew tal-lokazzjoni ta' tagħmir jew ta' assi oħra huma eliġibbli wkoll, diment li dawn il-kostijiet ma jeċċedux il-kostijiet ta' deprezzament tat-tagħmir jew ta' assi simili u diment li jeskludu kwalunkwe tariffa ta' finanzjament;

Biex jiġu ddeterminati l-kostijiet eliġibbli jistgħu jitqiesu biss il-porzjon tal-kostijiet ta' deprezzament, tal-kiri jew tal-lokazzjoni li jikkorrispondu mal-perjodu ta' implimentazzjoni u r-rata tal-użu reali għall-finijiet tal-azzjoni. Bħala eċċezzjoni, il-kost totali tax-xiri tat-tagħmir jista' jkun eliġibbli skont il-Kundizzjonijiet Speċjali, jekk dan ikun iġġustifikat min-natura tal-azzjoni u fil-kuntest tal-użu tat-tagħmir jew tal-assi;

- (d) il-kostijiet tal-oġġetti ta' konsum u ta' provvisti, diment li dawn:
 - (i) jinxtraw f'konformità mar-regoli dwar il-kuntratti ta' implementazzjoni stipulati fil-ftehim ta' għotja; u
 - (ii) ikunu assenjati direttament għall-azzjoni;
- (e) il-kostijiet li jinqalgħu direttament mir-reqwiziti imposti mill-Ftehim (it-tixrid ta' informazzjoni, l-evalwazzjoni speċifika tal-azzjoni, l-awditi, it-traduzzjonijiet, ir-riproduzzjoni), inkluż il-kostijiet tal-garanziji finanzjarji mitluba, diment li s-servizzi korrispondenti jinxtraw f'konformità mar-regoli dwar il-kuntratti ta' implementazzjoni stabbiliti fil-ftehim ta' għotja;
- (f) il-kostijiet li jirriżultaw minn sottokuntratti, diment li l-kondizzjonijiet speċifiċi dwar is-sottokuntrattar kif stipulati fil-ftehim ta' għotja huma ssodisfati;
- (g) il-kostijiet ta' appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi, diment li l-kondizzjonijiet stipulati fil-ftehim ta' għotja jkunu ssodisfati;
- (h) id-dazji, it-taxxi u l-imposti mħallsa mill-benefiċjarju, b'mod partikolari t-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), diment li dawn ikunu inklużi fil-kostijiet diretti eliġibbli, u sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor fil-ftehim ta' għotja.

11.2.2. Kostijiet indiretti eliġibbli (kostijiet ġenerali)

Il-kostijiet indiretti huma kostijiet li ma jkunux marbuta direttament mal-implimentazzjoni tal-azzjoni u għaldaqstant ma jistgħux jiġu attribwiti direttament għaliha.

Ammont b'rata fissa ta' 7 % tal-kostijiet diretti totali eliġibbli tal-azzjoni huwa eliġibbli bħala kostijiet indiretti, li jirrappreżentaw il-kostijiet amministrattivi ġenerali tal-benefiċjarju li jistgħu jitqiesu bħala debitabbli fuq l-azzjoni/il-proġett.

Il-kostijiet indiretti ma jistgħux jinkludu l-kostijiet li jiddaħħlu f'intestatura oħra tal-baġit.

Qed tingħbed l-attenzjoni tal-applikanti għall-fatt li jekk qed jirċievu għotja operattiva ffinanzjata mill-baġit tal-UE jew tal-Euratom, dawn ma jistgħux jiddikjaraw kostijiet indiretti għall-perjodu/i kopert(i) mill-għotja operattiva, sakemm ma jkunux jistgħu juru li l-għotja operattiva ma tkopri l-ebda kost tal-azzjoni.

Sabiex dan jintwera, fil-prinċipju, il-benefiċjarju għandu:

- a. juża *l-kontabbiltà analitika tal-kostijiet li tippermetti li jiġu sseparati l-kostijiet kollha (inkluż il-kostijiet ġenerali)* li jistgħu jiġu attribwiti lill-għotja operattiva u lill-għotja għal azzjoni. Għal dan l-għan, jenftieġ li l-benefiċjarju juża *kodiċijiet kontabilistiċi u koeffiċjenti tal-allokazzjoni affidabbli* biex jiġi żgurat li *l-allokazzjoni tal-kostijiet* issir *b'mod ġust, oġġettiv u realistiku*.
- b. *jirreġistra b'mod separat:*
 - il-kostijiet kollha mġarrba għall-għotjiet operattivi (jiġifieri l-kostijiet tal-persunal, il-kostijiet operazzjonali ġenerali u kostijiet operattivi oħra marbuta mal-parti tal-attivitajiet annwali tas-soltu tiegħu), u
 - il-kostijiet kollha mġarrba għall-għotjiet għal azzjoni (inkluż il-kostijiet indiretti reali marbuta mal-azzjoni)

Jekk l-għotja operattiva tkopri l-attività annwali kollha u l-baġit tas-soltu tal-benefiċjarju, dan tal-aħħar ma jkun intitolat li jirċievi l-ebda kost indirett taħt l-għotja għal azzjoni.

11.3. Kostijiet ineliġibbli

L-entrati li ġejjin ma jitqisux bħala kostijiet eliġibbli:

- a) id-dħul minn kapital u d-dividendi mħallsa minn benefiċjarju;
- b) id-dejn u l-imposti tas-servizzi fuq id-dejn;
- c) il-provvedimenti għat-telf jew għad-djun;
- d) l-imgħax dovut;
- e) id-djun dubjużi;
- f) it-telf mill-kambju;
- g) il-kostijiet tat-trasferimenti mill-Kummissjoni imposti mill-bank ta' benefiċjarju;
- h) il-kostijiet iddikjarati mill-benefiċjarju taħt azzjoni oħra li tirċievi għotja ffinanzjata mill-baġit tal-Unjoni. Tali għotjiet jinkludu għotjiet mogħtija minn Stat Membru u ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni u għotjiet mogħtija minn korpi oħra li mhumiex il-Kummissjoni għall-iskop tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni. B'mod partikolari, il-benefiċjarji li jirċievu għotja operattiva ffinanzjata mill-baġit tal-UE jew tal-Euratom ma jistgħux jiddikjaraw kostijiet indiretti għall-perjodu/i kopert(i) mill-għotja operattiva, sakemm ma jkunux jistgħu juru li l-għotja operattiva ma tkopri l-ebda kost tal-azzjoni.
- i) il-kontribuzzjonijiet in natura minn partijiet terzi;
- j) in-nefqa eċċessiva jew bla kontroll;
- k) il-VAT deduċibbli.

Il-VAT³ ma tkunx eliġibbli meta l-attivitajiet li għandhom jiġu appoġġati permezz tal-għotja jkunu attivitajiet intaxxati/attivitajiet eżentati bid-dritt tat-tnaqqis jew attivitajiet li jkunu involuti fihom korpi regolati bil-liġi pubblika li jaġixxu bħala awtorità pubblika ta' Stat Membru (jiġifieri attivitajiet li jirriżultaw mill-eżerċitar tas-setgħat sovrani jew il-prerogattivi eżerċitati mill-Istati Membri taħt ir-reġim legali speċjali applikabbli għalihom f'konformità mal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva

³ L-Artikolu 186 (4) (c) tar-Regolament Finanzjarju

tal-Kunsill 2006/112/KE⁴: pereżempju l-pulizija, il-ġustizzja, id-definizzjoni u l-infurzar tal-ordni pubbliku, eċċ.).

11.4. Baġit ibbilanċjat

Il-baġit stmat tal-azzjoni għandu jinhemeż mal-formola ta' applikazzjoni. Dan għandu jkollu d-dħul u n-nefqa bbilanċjati.

Il-baġit għandu jiffassal f'euro.

L-applikanti li għalihom il-kostijiet mhumiex se jiġġarrbu f'euro għandhom jużaw ir-rata tal-kambju ppubblikata fis-sit web tal-Infor-euro disponibbli fuq:

https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/procedures-guidelines-tenders/information-contractors-and-beneficiaries/exchange-rate-infoeuro_mt

L-applikant għandu jiżgura li r-riżorsi li huma meħtieġa biex titwettaq l-azzjoni ma jkunux ipprovduti għalkollox bl-għotja tal-UE.

Il-kofinanzjament tal-azzjoni jista' jieħu l-forma ta':

- ir-riżorsi proprji tal-benefiċjarju,
- l-introjtu ġġenerat mill-azzjoni jew mill-programm ta' ħidma,
- il-kontribuzzjonijiet finanzjarji minn partijiet terzi.

11.5. Kalkolu tal-ammont finali tal-għotja

L-ammont finali tal-għotja jiġi kkalkolat mill-Kummissjoni meta jsir il-pagament tal-bilanċ. Il-kalkolu jinvolve l-passi li ġejjin:

Pass 1 — Applikazzjoni tar-rata ta' rimborż għall-kostijiet eliġibbli u żieda tar-rata fissa

L-ammont fil-pass 1 jinkiseb billi tiġi applikata r-rata ta' rimborż speċifikata fit-Taqsima 11.1.1 għall-kostijiet eliġibbli attwalment imġarrba u aċċettati mill-Kummissjoni, inkluż il-kostijiet iddikjarati fil-forma ta' rati fissi li r-rata ta' kofinanzjament tapplika għalihom f'konformità mat-Taqsima 11.1.2.

Pass 2 — Limitu għall-ammont massimu tal-għotja

L-ammont totali li jitħallas lill-benefiċjarji mill-Kummissjoni ma jista' fl-ebda ċirkostanza jaqbeż l-ammont massimu tal-għotja kif indikat fil-ftehim ta' għotja. Jekk l-ammont miksub skont il-Pass 1 ikun oġġla minn dan l-ammont massimu, l-ammont finali tal-għotja jkun limitat għal dan tal-aħħar.

Jekk il-ħidma tal-voluntiera tiġi ddikjarata bħala parti mill-kostijiet eliġibbli diretti, l-ammont finali tal-għotja jkun limitat għall-ammont tal-kostijiet eliġibbli totali approvati mill-Kummissjoni li minnu jitnaqqas l-ammont tal-ħidma tal-voluntiera approvat mill-Kummissjoni.

⁴ ĠU L 347, 11.12.2006, p.1

Pass 3 — Tnaqqis minħabba r-regola li tipprojbixxi l-profitt

“Profitt” tfisser is-surplus tar-riċevuti fuq il-kostijiet eliġibbli totali tal-azzjoni, fejn ir-riċevuti huma l-ammont miksub bis-segwitu tal-Passi 1 u 2 flimkien mad-dħul iġġenerat mill-azzjoni għall-benefiċjarji u l-entitajiet affiljati għajr l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta’ qligħ.

Il-kontribuzzjonijiet in natura u finanzjarji minn partijiet terzi mhumiex meqjusin bħala dħul.

Il-kostijiet eliġibbli totali tal-azzjoni huma l-kostijiet eliġibbli totali kkonsolidati approvati mill-Kummissjoni. Id-dħul iġġenerat mill-azzjoni huwa d-dħul ikkonsolidat stabbilit, iġġenerat jew ikkonfermat għal benefiċjarji u entitajiet affiljati għajr l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta’ qligħ fid-data li fiha ssir it-talba għall-pagament tal-bilanċ.

Jekk ikun hemm profitt, dan jitnaqqas b’mod proporzjonat mar-rata finali ta’ rimborż tal-kostijiet eliġibbli reali tal-azzjoni approvata mill-Kummissjoni.

Pass 4 — Tnaqqis minħabba implimentazzjoni mhux xierqa jew ksur ta’ obligi oħra

Jekk l-azzjoni ma tkunx ġiet implimentata sew (jiġifieri jekk ma tkunx ġiet implimentata jew tkun ġiet implimentata b’mod ħażin, parzjalment jew tard), jew jekk ikun inkiser obbligu ieħor skont il-Ftehim, il-Kummissjoni tista’ tnaqqas l-ammont massimu tal-għotja.

L-ammont tat-tnaqqis ikun proporzjonat skont kemm l-azzjoni tkun ġiet implimentata b’mod mhux xieraq jew skont il-gravità tal-ksur.

11.6. Arranġamenti ta’ rappurtar u ta’ ħlas

11.6.1 Arranġamenti ta’ ħlas

Il-benefiċjarju jista’ jitlob il-ħlasijiet li ġejjin diment li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet tal-ftehim ta’ għotja (eż. l-iskadenzi għall-ħlas, il-limiti massimi, eċċ.). It-talbiet għall-ħlas għandhom ikunu akkumpanjati mid-dokumenti pprovduti hawn taħt u deskritti fil-ftehim ta’ għotja:

Talba għall-ħlas	Dokumenti ta’ akkumpanjament
Ħlas ta’ prefinanzjament li jikkorrispondi għal 40 % tal-ammont massimu tal-għotja	garanzija finanzjarja (ara t-Taqsima 11.6.2)
Ħlas interim wieħed: Għall-iskop tad-determinazzjoni tal-ammont dovut bħala pagament <i>interim</i> , ir-rata ta’ rimborż li għandha tiġi applikata għall-kostijiet eliġibbli approvati mill-Kummissjoni għandha tkun ta’ 95 %. Il-pagament interim ma għandux jaqbeż l-40 % tal-ammont massimu tal-għotja. L-ammont totali tal-pagamenti ta’	(a) rapport tekniku interim (b) dikjarazzjoni finanzjarja interim (c) ċertifikat dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji u l-kontijiet sottostanti

prefinanzjament u interim ma għandux jaqbeż it-80 % tal-ammont massimu tal-għotja.	
<p>Pagament tal-bilanċ</p> <p>Il-Kummissjoni se tistabbilixxi l-ammont ta' dan il-ħlas abbażi tal-kalkolu tal-ammont finali tal-għotja (ara t-Taqsima 11.5 ta' hawn fuq). Jekk it-total tal-ħlasijiet ta' qabel ikun oġġla mill-ammont finali tal-għotja, il-benefiċjarju jkun meħtieġ jirrimborża l-ammont żejjed li jkun tħallas mill-Kummissjoni permezz ta' ordni ta' rkupru.</p>	<p>(a) rapport tekniku finali</p> <p>(b) dikjarazzjoni finanzjarja finali</p> <p>(c) dikjarazzjoni finanzjarja fil-qosor li taggrega d-dikjarazzjonijiet finanzjarji li jkunu diġà ġew sottomessi qabel u li tindika r-riċevuti</p> <p>(d) ċertifikat dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji u l-kontijiet sottostanti</p>

F'każ ta' kapaċità finanzjarja dgħajfa, tapplika t-Taqsima 8.1 ta' hawn fuq.

11.6.2 Garanzija fuq il-prefinanzjament

Tista' tintalab garanzija fuq il-prefinanzjament sal-istess ammont bħall-prefinanzjament sabiex jiġu limitati r-riskji finanzjarji marbuta mal-pagament ta' prefinanzjament.

Il-garanzija finanzjarja, fil-munita euro, għandha tingħata minn bank jew minn istituzzjoni finanzjarja approvata stabbilita f'wieħed mill-Istati Membri tal-UE. Meta l-benefiċjarju jkun stabbilit f'pajjiż terz, il-Kummissjoni tista' taqbel li bank jew istituzzjoni finanzjarja stabbilita f'dak il-pajjiż terz tista' tipprovdi l-garanzija jekk hija tqis li l-bank jew l-istituzzjoni finanzjarja toffri sigurtà u karatteristiċi ekwivalenti għal dawk offruti minn bank jew minn istituzzjoni finanzjarja stabbilita fi Stat Membru. Ammonti li jkunu marbutin f'kontijiet il-bank ma għandhomx jiġu aċċettati bħala garanziji finanzjarji.

Il-garanzija tista' tiġi sostitwita bi:

- garanzija *in solidum* minn parti terza jew,
- garanzija konġunta tal-benefiċjarji ta' azzjoni li jkunu partijiet għall-istess ftehim ta' għotja.

Il-garanzija għandha tiġi rilaxxata hekk kif il-prefinanzjament jiġi approvat gradwalment kontra pagamenti interim jew il-pagament tal-bilanċ, f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-ftehim ta' għotja.

Bħala alternattiva għat-talba ta' garanzija fuq il-prefinanzjament, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li taqsam il-pagament ta' prefinanzjament f'diversi pagamenti parzjali.

11.7. Kondizzjonijiet finanzjarji oħra

a) Għotja mhux kumulattiva

Azzjoni tista' tirċievi biss għotja waħda mill-baġit tal-UE.

b) Nonretroattività

L-ebda għotja ma tista' tingħata retrospettivament għal azzjonijiet diġà kompluti.

Għotja tista' tingħata għal azzjoni li tkun diġà nbdiel biss meta l-applikant ikun jista' juri fl-applikazzjoni għal għotja li jeħtieġu jibda l-azzjoni qabel ma jiġi ffirmat il-ftehim ta' għotja.

F'tali każijiet, il-kostijiet eliġibbli għal finanzjament jistgħu ma jkunux iġġarrbu qabel id-data ta' sottomissjoni tal-applikazzjoni għal għotja.

c) Kuntratti/sottokuntrattar ta' implimentazzjoni

Jekk l-implimentazzjoni tal-azzjoni tkun tirrikjedi l-għoti ta' kuntratti ta' akkwist (kuntratti ta' implimentazzjoni), il-benefiċjarju jista' jagħti l-kuntratt f'konformità mal-prattiki tax-xiri tas-soltu tiegħu diment li l-kuntratt jingħata lill-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża jew lill-offerta li toffri l-orħos prezz (kif xieraq), billi jiġu evitati kunflitti ta' interess.

Il-benefiċjarju huwa mistenni li jiddokumenta b'mod ċar il-proċedura tal-offerti u li jżomm id-dokumentazzjoni f'każ li jkun hemm bżonn ta' awditjar.

L-entitajiet li jaġixxu fil-kapaċità tagħhom bħala awtoritajiet kontraenti skont it-tifsira tad-Direttiva 2014/24/UE⁵ jew entitajiet kontraenti skont it-tifsira tad-Direttiva 2014/25/UE⁶ għandhom jikkonformaw mar-regoli nazzjonali applikabbli dwar l-akkwist pubbliku.

Il-benefiċjarji jistgħu jissottokuntrattaw kompiti li jiffurmaw parti mill-azzjoni. Jekk jagħmlu dan, huma għandhom jiżguraw li, minbarra l-kondizzjonijiet imsemmija hawn fuq dwar l-aqwa valur għall-flus u n-nuqqas ta' kunflitti ta' interess, ikun hemm konformità mal-kondizzjonijiet li ġejjin:

- a) is-sottokuntrattar ma jkoprix kompiti ewlenin tal-azzjoni;
- b) ir-rikors għas-sottokuntrattar ikun iġġustifikat minħabba n-natura tal-azzjoni u dak li jkun meħtieġ għall-implimentazzjoni tagħha;
- c) il-kostijiet stmati tas-sottokuntrattar ikunu identifikabbli b'mod ċar fl-istima tal-baġit;
- d) kwalunkwe rikors għas-sottokuntrattar, jekk ma jkunx previst fid-deskrizzjoni tal-azzjoni, jiġi kkomunikat mill-benefiċjarju u approvat mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tista' tagħti l-approvazzjoni:
 - (i) qabel kwalunkwe rikors għal sottokuntrattar, jekk il-benefiċjarji jitolbu emenda
 - (ii) wara rikors għal sottokuntrattar jekk is-sottokuntrattar:
 - ikun iġġustifikat speċifikament fir-rapport tekniku interim jew finali u
 - ma jkunx jinvolvi tibdil fil-ftehim ta' għotja li jixħet dubju fuq id-deċiżjoni tal-għoti tal-għotja jew li jmur kontra t-trattament indaqs tal-applikanti;
- e) il-benefiċjarji jiżguraw li ċerti kondizzjonijiet applikabbli għall-benefiċjarji, elenkati fil-ftehim ta' għotja (pereżempju l-viżibbiltà, il-kunfidenzjalità, eċċ.), ikunu applikabbli wkoll għas-sottokuntratturi.

d) Appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi

⁵ Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65-242)

⁶ Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243-374)

L-applikazzjonijiet ma jistgħux jipprevedu l-għoti ta' appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi.

12. PUBBLIĊITÀ

12.1. Mill-benefiċjarji

Il-benefiċjarji għandhom jirrikonoxxu b'mod ċar il-kontribuzzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-pubblikazzjonijiet kollha jew fl-ambitu tal-attivitàjiet li għalihom tintuża l-għotja.

F'dan ir-rigward, il-benefiċjarji huma meħtieġa jagħtu prominenza lill-isem u lill-emblema tal-Kummissjoni Ewropea fuq il-pubblikazzjonijiet, il-posters, il-programmi kollha u prodotti oħra tagħhom kif ukoll matul attivitàjiet relatati (konferenzi jew seminars, u aktar.) imwettqa taħt il-proġett kofinanzjat.

Biex jagħmlu dan, huma għandhom jużaw:

- it-test: “B’ appoġġ finanzjarju mill-Unjoni Ewropea”
- l-emblema li hija disponibbli fuq https://europa.eu/european-union/about-eu/symbols/flag_mt
- id-dikjarazzjonijiet ta' ċaħda ta' responsabbiltà li ġejjin:

Għall-pubblikazzjonijiet stampati jew f'format elettroniku:

“Din il-pubblikazzjoni ġiet prodotta bl-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni Ewropea. Il-kontenut tagħha huwa r-responsabbiltà unika ta' <isem l-awtur/sieheb> u mhux neċessarjament jirrifletti l-opinjoni tal-Unjoni Ewropea”

Għas-siti web u għall-kontijiet tal-midja soċjali:

“Dan <is-sit web/il-kont> inħoloq u huwa miżmum bl-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni Ewropea. Il-kontenut tiegħu huwa r-responsabbiltà unika ta' <isem l-awtur/sieheb> u mhux neċessarjament jirrifletti l-opinjoni tal-Unjoni Ewropea”

Għall-vidjos u materjal awdjoviżiv ieħor:

“Dan il-<vidjo/film/programm/reġistrazzjoni> ġie prodott bl-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni Ewropea. Il-kontenut tiegħu huwa r-responsabbiltà unika ta' <isem l-awtur/sieheb > u mhux neċessarjament jirrifletti l-opinjoni tal-Unjoni Ewropea”.

Jekk dan ir-rekwiżit ma jiġix issodisfat għalkollox, l-għotja tal-benefiċjarju tista' titnaqqas f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-ftehim ta' għotja.

12.2. Mill-Kummissjoni

Bl-eċċezzjoni ta' boroż ta' studju mħallsa lil persuni fiżiċi u appoġġ dirett ieħor imħallas lill-persuni fiżiċi l-aktar fil-bżonn, l-informazzjoni kollha marbuta mal-għotjiet mogħtija matul sena finanzjarja għandha tiġi ppubblikata fuq sit tal-internet tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara s-sena finanzjarja li fiha jkun n-għataw l-għotjiet.

Il-Kummissjoni tippubblika l-informazzjoni li ġejja:

- isem il-benefiċjarju;

- l-indirizz tal-benefiċjarju meta dan tal-aħħar ikun persuna ġuridika, ir-reġjun meta l-benefiċjarju jkun persuna fiżika, kif iddefinit fil-livell NUTS 2⁷ jekk ikun domiċiljat fl-UE jew l-ekwivalenti jekk ikun domiċiljat barra mill-UE;
- is-suġġett tal-għotja;
- l-ammont mogħti.

Fuq talba motivata u sostanzjata kif xieraq mill-benefiċjarju, il-pubblikazzjoni ma għandhiex issir jekk tali żvelar iqiegħed f'riskju d-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi kkonċernati, kif inhuma protetti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, jew inkella jikkawża ħsara lill-interessi kummerċjali tal-benefiċjarji.

13. IPPOĊESSAR TA' DATA PERSONALI

It-tweġiba għal kwalunkwe sejħa għal proposti tinvolvi r-reġistrazzjoni u l-ipproċessar ta' *data* personali (bħall-isem, l-indirizz u s-CV). Din id-*data* tiġi pproċessata skont ir-Regolament (UE) Nru 2018/1725 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, ufficiċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*. Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, il-mistoqsijiet u kwalunkwe *data* personali mitluba li jkun hemm b'zonn għall-evalwazzjoni tal-applikazzjoni f'konformità mas-sejħa għal proposti jiġu pproċessati biss għal dak l-iskop mid-DĠ REGIO – Ġestjoni Baġitarja u Finanzjarja.

Id-*data* personali tista' tiġi rreġistrata fis-Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni mill-Kummissjoni, f'każ li l-benefiċjarju jkun f'xi waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 136 u 141 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046⁸. Għal aktar informazzjoni ara l-Istqarrija ta' Privatezza fuq:

https://ec.europa.eu/info/data-protection-public-procurement-procedures_mt.

14. PROĊEDURA GĦAS-SOTTOMISSJONI TAL-PROPOSTI

Il-proposti jridu jiġu sottomessi sal-iskadenza stabbilita fit-Taqsima 3.

Ma hi permessa l-ebda modifika fl-applikazzjoni ladarba tkun għaddiet l-iskadenza għas-sottomissjoni. Madankollu, jekk ikun hemm b'zonn li jiġu ċċarati ċerti aspetti jew li jiġu kkorreġuti xi żbalji klerikali, il-Kummissjoni tista' tikkuntattja lill-applikant matul il-proċess ta' evalwazzjoni.

L-applikanti jiġu infurmati bil-miktub dwar ir-riżultati tal-proċess tal-għażla.

L-applikanti huma mitluba jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom permezz ta' email f'**format pdf** fl-indirizz elettroniku li ġej: REGIO-CALL-JOURNALISM-SCHOOLS@ec.europa.eu

L-applikazzjonijiet li jintbagħtu bil-posta jew bil-fax ma jiġux aċċettati.

⁷ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 105/2007 tal-1 ta' Frar 2007 li jemenda l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS), ĠU L39, 10.2.2007, p.1.

⁸ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32018R1046>

➤ **Kuntatti**

Kwalunkwe mistoqsija relatata ma' din is-sejħa tista' tiġi indirizzata lil REGIO-CONTRACTS@ec.europa.eu. Sabiex jiġi żgurat it-trattament effiċjenti ta' kwalunkwe mistoqsija, indika b'mod ċar ir-referenza ta' din is-sejħa għal proposti fis-suġġett jew fit-test tal-ittra elettronika.

It-tweġibiet għall-mistoqsijiet li jiġu sottomessi jiġu ppubblikati fil-lista tal-Mistoqsijiet u t-Tweġibiet fuq https://ec.europa.eu/regional_policy/en/newsroom/funding-opportunities/calls-for-proposal/ biex jiġi żgurat it-trattament indaqs tal-applikanti potenzjali kollha. Il-mistoqsijiet jistgħu jintbagħtu mill-applikanti fl-indirizz ta' hawn fuq sa mhux aktar tard minn 10 ijiem qabel l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-proposti.

➤ **Annessi:**

- Formola ta' applikazzjoni
- Lista ta' kontroll tad-dokumenti li għandhom jiġu pprovduti
- Mudell tal-ftehim ta' għotja

Appendiċi

Kondizzjonijiet speċifiċi għall-kostijiet diretti tal-persunal

1. Kalkolu

Il-modi kif jiġu kkalkolati l-kostijiet diretti eliġibbli tal-persunal stipulati fil-punti (a) u (b) hawn taħt huma rrakkomandati u aċċettati bħala li joffru assigurazzjoni għall-kostijiet iddikjarati li jkunu reali.

Il-Kummissjoni tista' taċċetta metodu differenti għall-kalkolu tal-kostijiet tal-persunal użat mill-benefiċjarju, jekk hija tqis li dan joffri livell xieraq ta' assigurazzjoni tal-kostijiet iddikjarati li jkunu reali.

a) għall-persuni li jaħdmu esklużivament fuq l-azzjoni:

{ir-rata ta' kull xahar għall-persuna

mmultiplikata

bl-għadd ta' xhur reali maħduma fuq l-azzjoni}

Ix-xhur iddikjarati għal dawn il-persuni ma jistgħu jiġu ddikjarati għal ebda għotja oħra tal-UE jew tal-Euratom.

Ir-rata ta' kull xahar hija kkalkulata kif ġej:

{il-kostijiet annwali tal-persunal għall-persuna

diviżi bi 12}

billi jintużaw il-kostijiet tal-persunal għal kull sena finanzjarja sħiħa koperta mill-perjodu tar-rapportar ikkonċernat.

Jekk sena finanzjarja ma tingħalaqx fit-tmiem tal-perjodu tar-rapportar, il-benefiċjarji jridu jużaw ir-rata ta' kull xahar tal-aħħar sena finanzjarja magħluqa disponibbli;

b) għall-persuni li jaħdmu part time fuq l-azzjoni

(i) Jekk il-persuna tkun assenjata għall-azzjoni bi pro rata fissa tal-ħin tax-xogħol tagħha:

{ir-rata ta' kull xahar tal-persuna mmultiplikata bil-pro rata assenjata għall-azzjoni

mmultiplikata

bl-għadd ta' xhur reali maħduma fuq l-azzjoni}

Il-ħin tax-xogħol pro rata ddikjarat għal dawn il-persuni ma jista' jiġi ddikjarat għal ebda għotja oħra tal-UE jew tal-Euratom.

Ir-rata ta' kull xahar hija kkalkulata bħal hawn fuq.

(ii) F'każijiet oħra:

{ir-rata ta' kull siegħa għall-persuna mmultiplikata bl-għadd ta' sigħat reali maħduma fuq l-azzjoni}

jew

{ir-rata ta' kuljum għall-persuna mmultiplikata bl-għadd ta' jiem reali maħduma fuq l-azzjoni}

(aġġustati 'l fuq jew 'l isfel għall-eqreb nofs ġurnata)

L-għadd ta' sigħat/jiem reali ddikjarat għal persuna għandu jkun identifikabbli u verifikabbli.

L-għadd totali ta' sigħat/jiem iddikjarati f'għotjiet tal-UE jew tal-Euratom, għal persuna għal sena, ma jistax ikun oġhla mis-sigħat/jiem produttivi annwali użati għall-kalkoli tar-rata ta' kull siegħa/ta' kuljum. Għaldaqstant, l-għadd massimu ta' sigħat/jiem li jistgħu jiġu ddikjarati għall-għotja huwa:

{l-għadd ta' sigħat/jiem produttivi annwali għas-sena (ara hawn isfel)}

li minnhom jitnaqqas

l-għadd totali ta' sigħat u jiem iddikjarat mill-benefiċjarju, għal dik il-persuna għal dik is-sena, għal għotjiet oħrajn tal-UE jew tal-Euratom}.

Ir-**“rata ta' kull siegħa/ta' kuljum”** hija kkalkulata kif ġej:

{il-kostijiet annwali tal-persunal għall-persuna

diviżi

bl-għadd ta' sigħat/jiem produttivi annwali individwali} bl-użu tal-kostijiet tal-persunal u l-għadd ta' sigħat/jiem produttivi annwali għal kull sena finanzjarja sħiħa koperta mill-perjodu tar-rapportar ikkonċernat.

Jekk sena finanzjarja ma tingħalaqx fit-tmiem tal-perjodu tar-rapportar, il-benefiċjarji għandhom jużaw ir-rata kull siegħa/ta' kuljum tal-aħħar sena finanzjarja magħluqa disponibbli.

L-“għadd ta' sigħat/jiem produttivi annwali individwali” huwa l-għadd totali ta' sigħat/jiem reali maħduma mill-persuna fis-sena. Dan ma jistax jinkludi btajjel u assenzi oħra (bħal-liv minħabba mard, il-liv tal-maternità, il-liv speċjali, eċċ.). Madankollu, jista' jinkludi s-sahra u l-ħin li wieħed iqatta' f'laqgħat, f'taħriġ u f'attivitajiet simili oħrajn.

2. Dokumentazzjoni li tappoġġa l-kostijiet tal-persunal iddikjarati bħala kostijiet reali

Għall-**persuni li jaħdmu esklużivament fuq l-azzjoni**, meta l-kostijiet diretti tal-persunal jiġu kkalkolati skont il-**punt (a)**, ma hemm l-ebda bżonn li jinżammu skedi bil-ħinijiet tax-xogħol, jekk il-benefiċjarju jiffirma **dikjarazzjoni** li tikkonferma li l-persuni kkonċernati ħadmu esklużivament fuq l-azzjoni.

Għall-**persuni assenjati għall-azzjoni fuq pro rata fissa tal-ħin tax-xogħol tagħhom**, meta l-kostijiet diretti tal-persunal jiġu kkalkolati skont il-**punt (b)(i)**, ma hemm l-ebda bżonn li jinżammu skedi bil-ħinijiet tax-xogħol, jekk il-benefiċjarju jiffirma dikjarazzjoni li l-persuni kkonċernati jkunu ħadmu effettivament bil-pro rata fissa fuq l-azzjoni.

Għall-**persuni li jaħdmu part time fuq l-azzjoni**, meta l-kostijiet diretti tal-persunal jiġu kkalkolati skont il-**punt b(ii)**, il-benefiċjarji għandhom iżommu **skedi bil-ħinijiet tax-xogħol** għall-għadd ta' sigħat/jiem iddikjarati. L-iskedi bil-ħinijiet tax-xogħol għandhom ikunu bil-miktub u approvati mill-persuni li jaħdmu fuq l-azzjoni u superviżuri tagħhom, mill-anqas darba fix-xahar.

Fin-nuqqas ta' skedi bil-ħinijiet tax-xogħol affidabbli tas-sigħat maħduma fuq l-azzjoni, il-Kummissjoni tista' taċċetta prova alternattiva li tappoġġa l-għadd ta' sigħat/jiem iddikjarati, jekk tqis li din toffri livell adegwat ta' assigurazzjoni.